MINUS ONE
Il-Grupp Malti li joffri Sapport lir-Romol
https://minusone.eu
info@minusone.eu

Volum 26
Ħarġa 04
April 2023

# Attivitajiet-April 2023

**Is-7 ta' April 2023–** Il-Ġimgħa l-Kbira-Il-Grupp mhux se jiltaqa'.

**L-14 ta' April 2023-**Kors-Niltaqgħu mal-qawwa ta' ġo fina. Taħdita 2

Project House Furjana-20.00.

**Il-21 ta' April 2023-**Kors-Niltaqgħu mal-qawwa ta' ġo fina. Taħdita 3

Project House Furjana-20.00.

**It-28 ta' April 2023-**Birthday celebrations ġewwa s-Soreda Hotel. All Inclusive Buffett.

Mużika sal 22.30– Booking permezz ta'Revolut għand Maureen Tarpey fuq 79895387

Tfakkira

- Fil-grupp jistgħu jidħlu biss romol li jkunu għadhom ma għalqux il-65 sena;
- Fil-grupp tagħna jidħlu romol biss;
- Biex issir membru trid tippreżenta ċertifikat tal-mewt tal-mara jew tar-raġel u kopja tal-karta tal-identità ta' min ikun jixtieq li jissieħeb magħna;
- Il-paġna tal-facebook qiegħda għall-membri biss;
- Il-grupp għandu website li hija minusone.eu;
- Il-grupp għandu kanal YouTube bl-isem ta' Minus One Malta;
- Dejjem nisimgħu lil xulxin;
- Fil-Volontarjat tagħti ftit u tirċievi ħafna;
- Tibqgħux priġunieri tal-passat;
- Il-mewt ma toqtolx l-imħabba għax meta l-imħabba tkun vera, tkun għal dejjem.

Imma kemm se ndum nibki? Kemm se ndum imdejjaq? Hemm xi tul ta' żmien kemm se ndum hekk? Qiegħed nipprova Vic imma għalxejn, iebsa wisq. Ma jkolli aptit nagħmel xejn u ma jkolli aptit lil ħadd. Il-mara kienet kollox għalija. Ir-raġel kien kollox għalija. Spiċċajt waħdi. Spiċċa kollox!

Għidu l-verità, kemm-il darba għidtuhom jew smajtuhom dawn l-affarijiet intom ukoll?

**Ħbieb**, dawn l-affarijiet smajthom kemm-il darba jien. Dawn huma affarijiet li huma normali li ngħaddu minnhom. Il-ħajja mhi faċli għal ħadd u l-ħajja tagħna r-romol aktar u aktar. Dejjem ngħid jien. F'ħajjitna jkollna ħafna relazzjonijiet. L-aktar waħda diffiċli u kkumplikata hija r-relazzjoni li jkollna magħna nfusna. Għandna t-tendenza li nitimgħu lilna nfusna b'affarijiet negattivi. Għax jien nistħi ta! Għax jien ma nagħmilx ħbieb malajr! Għax jien ma nafx nagħmel hekk u hekk!

Il-lista hija twila. **Ieqfu ftit. Tkomplux tkissru lilkom infuskom.** Aħna kapaċi nqumu għall-okkażjoni. Issa l-istorja ġrat. M'hemmx x'tagħmel, aħna romol. Ma xtaqnix ħajja hekk imma issa li ġara ġara u ma nistgħu nagħmlu xejn fuq dak li ġara. Però ħajjitna issa, illum hi f'idejna. Il-preżent hu f'idejna.

Mhux faċli li nwieġeb għal dawn id-domandi għax aħna kollha differenti. Aħna nirreaġixxu differenti. Naf, li speċjalment fil-bidu, kollox huwa iebes ferm. Naf għax jiena wkoll għaddejt minn dan kollu. Hawn min iċemplilna l-istess ġimgħa li romol u hawn min iċempel snin wara li romol. B'hekk ngħid jien li aħna kollha differenti. Imma isimgħu minni u agħmlu kuraġġ. **Tkomplux titkissru.**

Il-grupp tagħna jaħdem fuq 2 binarji. Dik li norganizzaw attivitajiet soċjali fosthom il-laqgħat ta' nhar ta'Ġimgħa u jaħdem ukoll fuq is-support veru u propju. Filwaqt li jiena kuntent ferm bl'attivitajiet u l-laqgħat li norganizzaw naħseb li fejn jidħol support għad irrdu nirranġaw aktar. Ħafna aktar. Għad irridu nagħmlu aktar. Mhux faċli naf, xejn mhu faċli. Nixtieq li nilqgħu lill-membri l-ġodda qabel jibdew jiġu fil-grupp. Nixtieq li nagħmlu laqgħat fejn il-membri l-antiki jitkellmu mal-membri l-ġodda.

*Ikompli paġna 2*

Nixtieq li nkomplu niżviluppaw aktar il-ħiliet personali tagħna. Għal dawn l-affarijiet qiegħed nitlob l-għajnuna tagħkom. Jekk tistgħu tgħinu tgħidu qatt le. Meta tagħti tirċevi. Grazzi ferm lil dawk il-membri li diġà offrew l-għajnuna tagħhom. Se nkun qed nuża l-għajnuna ta' kulħadd għax nemmen li kulħadd għandu x'joffri. Nixtieq li dawn in-nies jiġu mħarrġa fuq bosta affarijiet.

Kif tafu, jien immur kull fejn jistednuni. L-iskop dejjem ikun sabiex nagħmel kuraġġ lil kull min ikun għaddej minn żmien diffiċli. Ir-romol dejjem ikunu prijorita f'dak li ngħid u nagħmel. Qatt ma jien se nasal biex ngħid daqshekk membri ġodda għax qegħdin ħafna. Jekk nasal biex nirraġuna hekk, ikun wasal il-mument li nwarrab għax inkun tlift kull sens ta' support.

Ikolli telefonati, anke minn nies li mhumiex romol. Dan l-aħħar wara ntevista li kelli ma' Joe Dimech fuq PBS semmejt telefonata li kelli ma' ġuvni. Naturalment ma setax jiġi fil-grupp tagħna għax ma kienx armel. Ħadt pjair ħafna li kkuntattjawni nies minn 2 gruppi oħra sabiex jagħtuh l-għajnuna. Wara li ħadt permess mingħandu għaddejt l-informazzjoni personali tiegħu lil dawn il-gruppi.

Ħolma li għandi għal quddeim hija li l-gruppi, għaqdiet volontarji rreġistarti li joffru support lir-romol, jingħaqdu fi ftehim ta' koperazzjoni, fejn kulħadd jibqa' jaħdem fil-linja tiegħu imma fejn inkunu ta' għajnuna għal xulxin. Kollox bil-mod u kollox bil-ħsieb u nipprova nasal għal din ukoll.

Meta jasal iż-żmien li nitlaq, irrid inkun ċert li għamilt dak kollu li stajt biex is-support li jingħata mill-grupp tagħna jkun aħjar, aktar effiċjenti. Jien ma nemminx li min imexxi għandu jmexxi għal-snin twal. Jiena nemmen f'ideat ġodda li jkunu jirriflettu ż-żminijiet tal-lum. U biex dan ikun possibbli, hemm bżonn li aktar membri jersqu lejn il-kumitat. Tkun ħasra kbira jekk il-grupp ma jsibx min imexxih u jkollu jieqaf. Tmexxi grupp bħal tagħna jagħtik ħafna sodisfazzjon. Tagħti ftit u tirċievi ħafna.

Għalhekk, nagħmel kuraġġ lil membri li jersqu 'l quddiem u jkunu huma li jmexxu l-grupp tagħna 'l quddiem. Ċert li fil-grupp hemm min jista' jmexxi anke b'ideat differenti minn tiegħi.

**Kuraġġ u ersqu 'l quddiem.**

***Victor***

Fl-istorja tad-dinja ftit kien hawn nies li qajmu l-interess li qajjem **Nostradamus** b'dak kollu li kiteb. U bħas-soltu, hawn min jemmen u hawn min hu aktar xettiku.

**Nostradamus,** magħruf ukoll bħala **Michel de Notredame** jew **Nostredame**, twieled fl-14 ta' Diċembru, 1503 ġewwa Saint-Rémy, Franza. Huwa miet fl-1/2 ta' Lulju, 1566 ġewwa Salon. Nostradamus kien astrologu u tabib Franċiż, l-iktar persuna li jara l-futur moqri tar-Rinaxximent.

Nostradamus sar famuż f'ħajtu stess talli ppubblika serje twila ta' profeziji li jkomplu jżidu l-intriċċi u l-biża' u li għadhom joħolqu diskussjoni sal-lum. Hawn min jirraġuna li kliemu jista' jiġi interpretat b'modi differenti biex jaqbel ma' avvenimenti storiċi. Huwa kważi impossibbli li tipprova tivvaluta l-eżattezza u t-tifsira tal-kitbiet tiegħu.

Nostradamus beda l-prattika medika tiegħu f'Agen f'xi żmien fis-snin 1530, minkejja li mhux biss qatt ma ħa lawrja medika iżda wkoll apparentement tkeċċa mill-iskola medika. Fl-1544 mar joqgħod Salon fejn kiseb fama għat-trattamenti mediċi innovattivi li ħoloq. Ġewwa Aix u Lyon fis-snin 1546–47 faqqet il-pesta . Huwa beda jagħmel profeziji madwar l-1547. Fl-1555 ippubblika il-ktieb intitolat *Sekli.* Ix-xogħol kien jikkonsisti fi speċi ta' poeżiji miġbura f'mijiet, kull sett ta' 100 msejjaħ seklu. L-astroloġija mbagħad kienet fl-aqwa tagħha, u t-tieni edizzjoni li kienet akbar, iddedikaha lir-re Franċiż. Din dehret fl-1558.

Uħud mill-profeziji tiegħu dehru li ġew sodisfatti u l-fama tiegħu tant saret mifruxa li kien mistieden ukoll fil-qorti ta 'Catherine de Médicis, ir-reġina konsorti ta' Enriku II ta' Franza, fejn bassar l-oroskopji ta' wliedha. Huwa nħatar tabib ordinarju minn Charles IX fl-1564. Il-profeziji ta' Nostradamus kienu s-suġġett ta' ħafna kummentarji; għall-kuntrarju tat-twemmin popolari, madankollu, qatt ma ġew ikkundannati mill-Kongregazzjoni tal-Indiċi, il-korp imwaqqaf mill-Knisja Kattolika Rumana għall-eżami tal-kotba u l-manuskritti.

Minħabba l-istil u l-kontenut kriptiku tagħhom, il-profeziji komplew joħolqu ħafna kontroversja. Xi wħud minnhom huma maħsuba minn dawk li jemmnu li pprevedew ġrajjiet storiċi attwali li seħħew minn żmien Nostradamus, inklużi ċerti dettalji tar-Rivoluzzjoni Franċiża tas-seklu 18. Oħrajn, li m'għandhom l-ebda tifsira apparenti, jingħad minn xi wħud li jsawru avvenimenti li għadhom ma seħħewx.

Temmen jew ma temminx, dan il-bniedem kien u għadu wieħed mill-aktar persuni interessanti li tatna l-istorja.